MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 29

9 ta' Diċembru 2014

Minuti tas-seduta Nru. 29 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 9 ta' Diċembru 2014.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 28 mingħajr emendi, u għaldaqstant s-Segretarju ġie mitlub jippubblikahom fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Parteċipazzjoni fl-avveniment Bethlehem f'Għajnsielem (A/5/5/Vol VII)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u qal li wara l-konferma li ngħatat mis-Sindku Arnold Hoffmann dwar l-akkomodazzjoni, issa jonqos dik tal-Kunsill ta' Għajnsielem li jinforma dwar jekk huwiex ser ikompli bil-pjanijiet tiegħu.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Kustodja tal-Għajn tal-Mellieħa (R/2/3)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta ta' qabel u qal l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina tidher li qed toqgħod lura milli tipproponi l-ħlas li qed tistenna b'rabta mas-servizz imsemmi.

2.2.3. Fuq proposta tal-Kunsillier E. Bartolo, il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm ħlas ta' €6.41(VAT inkluża) fis-siegħa għal servizz ta' tliet siegħat fil-ġimgħa b'effett mill-1 ta' Jannar 2015.

### 2.3.1. Proġett LEAP! (A/8/3)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf illi fil-laqgħa li saret għall-għaqdiet volontarji mad-diriġenti tal-proġett imsemmi fil-5 ta' Diċembru 2014, kien hemm qbil li l-Kunsillier J. Attard, flimkien ma' persuna magħżula mill-Kappillan minn fost l-istess għaqdiet, għandhom ikunu r-rappreżentanti tal-Mellieħa fuq il-kumitat li ser jinħatar għar-reġjun tal-tramuntana.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Magazin "Mill-Qiegħa għat-Tfal" (P/3/2/Vol V)

2.4.2. Il-Kunsilliera M. Stellini rreferiet għall-minuta 16.1. tas-seduta preċedenti u għarfet li nġiebet stima mingħand il-Gutenberg Press Ltd dwar żieda ta' paġni bil-kulur fil-pubblikazzjoni msemmija. Dawn kienu kif ġej:

| Paġni bil-kulur | Spiża addizzjonali għal kull ħarġa nkluż il-VAT | Spiża finali għal kull ħarġa nkluża l-VAT |
|---|---|---|
| Paġna 5 u 8 | €78.75 | €934.60 |
| Minn paġna 1 sa 12 | €173.25 | €1,029.00 |

2.4.3. Il-Kunsill qabel li jikkonsidra li jiżdiedu żewġ paġni u għaldaqstant għandhom isiru l-aġġustamenti meħtieġa fl-estimi għas-sena 2015.

### 2.5.1. Estensjoni tal-Mellieħa Holiday Centre (P/5/8/G)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li għandha ssir talba lill-MEPA sabiex kemm-il darba jinħareġ il-permess dwar l-estensjoni (PA 5833/09), għandu jkun hemm *planning contribution* li tibbenefika minnu l-lokalita`.

2.5.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 2.6.1. Traġitt tat-traffiku fil-Manikata (T/3/2/Vol XII)

2.6.2. Saret referenza għall-minuta 4.4.1. tas-seduta ta' qabel u l-Kunsill ġie mgħarraf li t-tabelli li jipprojbixxu t-traġitt ta' vetturi kbar fil-Manikata twaħħlu fil-post mill-kuntrattur konċernat. Bħala riżultat ta' dan, l-operaturi tal-barriera li hemm fl-inħawi Tat-Tomna lmentaw li din il-miżura ser taffettwa ħażin lin-negozju tagħhom u għalhekk qed jitolbu li t-trakkijiet tal-burdnara li jġorru l-materjal b'mod regolari, jiġu eżentati mir-restrizzjonijiet imposti.

2.6.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-permessi sakemm dawn ikunu limitati għal trakkijiet partikulari li jiġu ndikati mill-operaturi tal-barriera. Kien hemm qbil ukoll li din id-deċiżjoni għandha tiġi komunikata lill-Uffiċjal Awtorizzat.

### 2.7.1. Presepju ħaj f'Selmun (A/5/3/6/Vol IV)

2.7.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-attivita` "Il-Grajja f'Selmun" li l-Fondazzjoni ARKEO ser torganizza fl-irżieżet ta' Selmun bejn is-27 u t-28 ta' Diċembru 2014. Huwa qal li l-Fondazzjoni qed titlob li l-Kunsill jipprovdi għaxar imwejjed u għaxar siġġijiet b'rabta mal-istess attivita`.

2.7.3. Il-Kunsill laqa' it-talba.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 04/12/14;
- Skeda ta' Pagamenti – 22/11/14 – 04/12/14;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Baġit – Attivita` tal-Ewwel tas-Sena 2015
- Estimi 2015 – Abbozz ta' Dħul u Infieq;

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Tmexxija tal-*Heritage Trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3A)

4.1.2. Saret referenza għal ittra data 20 ta' Novembru 2014, mibgħuta mill-Kummissarju tal-Artijiet fejn għarraf li ma laqax it-talba tal-Kunsill biex l-beni marbuta mal-*heritage trail* jgħaddu f'idejn il-Fondazzjoni ARKEO, peress li dan jeħtieġ li jkun skont l-Att dwar

Kunsilli Lokali u l-kundizzjonijiet tal-kirja nklużi fil-kuntratt li għandu l-Kunsill mal-istess Dipartiment.

4.1.3. Il-Kunsill ra l-kontenut tal-ittra, filwaqt li osserva li teknikament il-Fondazzjoni ser tkun qed tiftaħ il-post għall-pubbliku, peress li l-Kunsill m'ghandux ir-riżorsi sabiex jagħmel dan. Minkejja dan, il-Kunsill xorta waħda ser jibqa' jirrispondi għal kull ma jirrigwarda l-imsemmija beni.

### 4.2.1. Taħwil ta' siġar fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol V)

4.2.2. Il-Kunsillier J. Gauci rrefera għal imejl datat 20 ta' Novembru 2014, fejn is-Sur David Borg talab li jagħmel għotja ta' għaxar siġar taż-żebbuġ bil-għan li jitħawlu fil-Park tal-Familja.

4.2.3. Il-Kunsill laqa' din it-talba u qabel li l-kustodju tal-park għandu jindika f'liema partijiet dan jista' isir.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 4 ta' Diċembru 2014.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz ta-*Petty Cash* bejn il-21 ta' Ottubru u t-28 ta' Novembru 2014.

6.3. Tressqet ukoll skeda tal-pagamenti li tkopri bejn it-22 ta' Novembru u l-4 ta' Diċembru 2014.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskedi u għaldaqstant kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

### 7.1. Proposti dwar is-servizz ta' ġbir tal-iskart riċiklabbli mitluba mingħand entitajiet awtorizzati biex jagħtu dan is-servizz (K/6/11)

7.2. Is-Sindku aċċenna għall-intervisti li saru lid-diriġenti taż-żewġ skemi – GreenPak Co-Operative u Green MT Ltd fl-1 ta' Diċembru 2014. Is-Sur J. Buttigieg qal li fatturi ewlenin li ħarġu, kemm mis-sottomissjonijiet li saru bil-kitba, u sussegwentement fl-intervisti, ħarġu b'mod partikulari l-fatturi segwenti:

- Il-proposta ta' Green MT Ltd dwar il-bdil tal-*'igloos'* użati għad-depożitu ta' skart separat fil-*bring-in sites* ma' *skips* fuq ir-roti li huma aktar maniġġjabbli;
- Li Green MT tibqa' tirrendi servizzi relatati mal-*bring-in sites* ġewwa l-Aħrax u tibqa' għaddejja bil-ġbir bieb-bieb fl-Għadira Caravan Site fix-xhur tas-sajf;
- Green MT tbattal il-*litter bins* bl-iskart imħallat fuq ir-ramla tal-Għadira bl-istess mod kif jitbattlu l-*bins* li hemm fuq il-*promenade* mill-kolletturi tal-*Cleansing Services Directorate*;
- Green MT ser teskludi għal kollox lill-Kunsill f'dak li huma l-ħlasijiet dovuti lill-kuntratturi involuti fis-servizzi peress li tħallashom hi direttament; u
- L-offerta ta' GreenPak dwar il-ħlas ta' €35 għal kull tunnellata ta' skart riċiklabbli pagabbli lill-Kunsill, filwaqt li dan tal-aħħar jrid isib il-kuntrattur u jħallsu għas-servizz mogħti.

7.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li l-offerta ta' Green MT hija aktar vantaġġjuża għall-Kunsill, peress li ma tinvolix sejħiet għall-offerti biex jitqabbad kollettur, u lanqas ma tinvolvi li ssir varjazzjoni tal-kuntratt dwar l-ġbir tal-iskart imħallat. Huwa qal ukoll li b'dan il-mod hemm ir-riskju li l-Kunsill ma jirkuprax l-ispiża tal-kollettur. Minkejja dan, kemm-il darba l-ftehim isir ma' Green MT, il-Kunsill għandu jkun iktar viġilanti meta jitqies l-andament ta' dan is-servizz, partikularment fl-aħħar sentejn.

7.4. Is-Sindku qal li l-ftehim jista’ isir għal sena waħda bil-għan li jitnaqqas ir-riskju li saret referenza għalih fil-minuta 7.3. Huwa qal ukoll li s-somma li għadha dovuta lill-Kunsill minn Green MT (€4,958.30) għandha titħallas qabel jiġi ffirmat xi ftehim magħha.

7.5. Il-Kunsillier E. Bartolo reġa’ intervjena billi qal li ma jistenniex li Green MT taċċetta l-kundizzjoni proposta fil-minuta 7.4., partikularment billi ser jinvestu fil-bdil tal-“*igloos*” kollha biex minflokom isiru *skips* fuq ir-roti.

7.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li GreenPak mhux ser jidħlu responsabbli għall-“igloos” li ħafna minnhom qdiemu u jeħtieġ li jinbidlu, filwaqt li ddikjaraw li anke l-ġbir tal-iskart mill-Bajja tal-Għadira jrid isir minn kuntrattur imqabbad mill-Kunsill. Huma ma semmew xejn dwar il-bdil tal-*bins* eżistenti li hemm fuq l-istess ramla. Fid-dawl tar-raġunijiet mogħtija aktar ‘il fuq, il-Kunsill iddeċieda li jaċċetta l-proposta ta’ Green MT Ltd skont l-offerta tagħhom, kif ukoll bil-kundizzjoni li jitħallas il-bilanċ imsemmi fil-minuta 7.4. aktar ‘il fuq, mal-iffirmar tal-ftehim relattiv.

## 8.1. Tħejjijiet għall-attivajiet abbinati mal-Milied (A/5/3/7)

8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li tkomplew it-tħejjijiet għal dawn l-attivitajiet u dwar l-attivita` tat-tfal tal-20 ta’ Diċembru 2014, hija għarfet li is-Sur Alfred Mifsud ser jagħti wirja ta’ maġija bi spiża ta’ €70. Hija pproponiet ukoll li jitqassmu *sandwiches*, Panini u muffins għal madwar 200 bi spiża ta’ €170. Il-Kunsill ġie mgħarraf li sad-data tas-seduta kien hemm 95 tfal ibbukkjati.

8.3. Dwar l-attivita` għall-anzjani, tal-21 ta’ Diċembru 2014, il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li jkun hemm ħtieġa għal servizz ta’ fattiga, tal-*manager* tas-sala, kif ukoll persuna li tħaddem is-sistema tal-audio. F’dan il-każ ukoll ġie propost li jitqassmu madwar 300 muffin bil-prezz ta’ €1.00 kull waħda.

8.4. Il-Kunsill approva l-proposti skont il-minuti 8.2. u 8.3. aktar ‘il fuq.

## 9.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo illi tgħid:

***"Billi fl-Estimi għas-sena finanzjarja 2014, hemm allokata is-somma ta’ €83,000 għall-Attivitajiet Kulturali (3370), filwaqt li sal-aħħar ta’ Novembru 2014 kien fadal bilanċ ta’ €15,735;***

***Billi huwa stmat li l-ispiża fuq l-attivita` tal-Ewwel tas-Sena ser tammonta għal €30,660, filwaqt li l-ammont allokat għaliha fl-Estimi huwa €14,000;***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi għandha tiġi trasferita s-somma ta’ €27,000 mill-vot tal-Proġett dwar il-Pavimentar ta’ Triq l-Inkurunazzjoni (7517) sabiex tagħmel tajjeb għall-iżbilanċ li ser jirriżulta fil-vot 3370 bl-attivita` imsemmija aktar ‘il fuq, kif ukoll oħrajn ippjanati marbuta mal-Milied".*** (F/1/25)(A/5/3/7)

9.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ressaq baġit dwar l-ispejjeż involuti sabiex tittellgħa l-attivita` tal-Ewwel tas-Sena 2015, li ser issir f’Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa. L-ispejjeż previsti ġew preżentati kif jidhru hawn taħt:

| | |
|---|---|
| **Dħul:** | |
| Skema Attivitajiet | 5,000.00 |
| | 5,000.00 |
| **Ħruġ** | |
| *Projectors* | 4,500.00 |
| Logħob tan-Nar | 3,500.00 |
| Projezzjonijiet | 4,500.00 |
| Fotografu | 250.00 |
| Arranġamenti Mużikati | 3,500.00 |
| Palk, dwal u *audio* | 4,500.00 |
| DJs | 500.00 |
| Tqassim ta’ fuljetti bil-programm | 875.00 |
| Pubbliċita` | 4,190.00 |

| | |
|---|---:|
| *Artwork* & stampar tal-fuljetti | 2,415.00 |
| Stampar tal-*billboard* u twaħħil fil-post | 330.40 |
| Servizz ta' żewġ preżentaturi | 400.00 |
| Servizzi mużikali oħra | 200.00 |
| Spejjeż oħra li jistgħu jinqalgħu | 1,000.00 |
| | 30,660.40 |
| **Spiża netta** | **-€25,660.40** |

9.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li l-fondi qed jiġu rijallokati mill-vot 7517, billi l-proġett tal-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni ċertament li mhux ser jitwettaq matul l-2014, filwaqt li oriġinarjament ma kienx maħsub li l-attivita` fl-ewwel tas-sena ser tinvolvi spiża netta ta' €25,660.

9.4. Wara l-ispjegazzjoni tal-pożizzjoni kif deskritta aktar 'il fuq, il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mis-Sindku.

9.5. Is-Sur C. Bartolo kompla jaġġorna lill-Kunsill dwar it-tħejjijiet għal din l-attivita` bit-twaħħil tal-*billboard* fit-Telgħa ta' Selmun, it-tqassim tal-fuljetti bil-programmi tal-għaqdiet u dawk tal-Kunsill għall-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Huwa qal li dawn saru 50,000 kopja minnhom u ser jitqassmu fil-lukanda u fil-lokalitajiet tat-tramuntana ta' Malta.

9.6. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sejħiet dwar il-logħob tan-nar, il-kiri tat-tagħmir meħtieġ, l-arranġamenti mużikali u l-projezzjonijiet ser jgħalqu fil-11 ta' Diċembru 2014. Għalhekk intalab il-permess sabiex dawn jiġu pproċessati qabel is-seduta li jmiss minħabba li ma hemmx żmien biżżejjed biex wieħed jistenna sa seduta oħra. Il-Kunsill qabel mal-proposta u ddieċieda li l-istimi jiġu evalwati mis-Sindku J. Buttigieg, il-Viċi Sindku C. Bartolo, il-Kunsillier E. Bartolo flimkien mas-Segretarju C. Debono.

## 10.1. Estimi tal-Kunsill 2015 (F/1/26)

10.2. Is-Segretarju rrefera għall-abbozz tal-Estimi 2015 li tqassmu lil kull kunsillier qabel is-seduta. Kopja tal-istess estimi qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti.

10.3. Is-Segretarju spjega li meta wieħed jara d-dħul kontra l-infieq li kien hemm fis-sena finanzjarja li waslet biex tintemm fil-31 ta' Diċembru 2014, huwa mistenni li din tingħalaq bi żbilanċ ta' ftit iktar minn €14,421. Jirriżulta wkoll mir-rapport tal-awditur li fl-1 ta' Jannar 2014 kien hemm bilanċ fil-kontijiet tal-bank ta' €759,763. Dan għamilha possibbli li s-sena finanzjarja 2015 tibda b'bilanċ pożittiv ta' €745,342, wara li nqatgħu l-ispejjeż kollha tal-2014. Huwa stmat ukoll li fis-sena 2015 ikun hemm dħul ieħor aparti l-allokazzjoni annwali li jlaħħaq €171,910, mill-Fond għat-Titjib Urban (MEPA), mill-iskemi, drittijiet li jitħallsu għall-ħruġ ta' permessi, eċċ. Flimkien ma' dawn ser ikun hemm l-Allokazzjoni Annwali mill-Gvern Ċentrali, li flimkien ser jiffinanzjaw in-nefqa rikorrenti u l-proġetti kapitali li ppjana l-Kunsill.

10.4. In-nefqa rikorrenti hija stmata li tlaħħaq €905,971 li 14% minnha ser jintefqu fuq Salarji, 29% tmur fuq l-Amministrazzjoni, 17% fuq Tiswijiet u Manutenzjoni, filwaqt li 40% ser tintefaq fuq Servizzi Kuntrattwali. In-nefqa rikorrenti għall-2015 mistennija li titnaqqas fuq dik stmata għall-2014 bi 13.7%. Dan it-tnaqqas qed isir wara li ġiet evalwata l-ispiża attwali taħt kull vot matul l-2014. Dan it-tnaqqis qed isir anke wara li ttieħed in konsiderazzjoni żieda fl-ispejjeż fil-konsum partikularment tal-elettriku kkunsmat fil-postijiet li ġew attrezzati bi dwal, *water features* eċċ.

10.5. Is-Sindku rrefera għall-vot 3380 dwar il-Servizzi Komunitarji, u ppropona li jkun hemm vot ta' €2,000 b'riżq l-kura tal-annimali li jitħallew jiġġerrew fit-toroq. Huwa ssuġġerixxa wkoll li l-vot 3391 tal-Librerija Pubblika għandu jiżdied b'€1,000 bil-għan li l-librerija tibda tinfetaħ tliet darbiet fil-ġimgħa, bi tnejn minnhom jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill.

10.6. F'dak li jirrigwarda n-nefqa kapitali, is-Sur J. Buttigieg aċċenna għall-vot 7210 dwar titjib fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Mingħajr ma ppropona ebda żieda fiħ, qal li parti mis-somma vvutata għandha tagħmel tajjeb għall-bdil fis-sistema tat-telefon, billi qed ikun hemm minn jilmenta li qed isibha diffiċli biex jaqbad mal-uffiċċju.

10.7. Fir-rigward tal-vot 7220 dwar id-dwal tat-toroq, il-Sindku ppropona li dan jiżdied minn €122,000 għal €197,000 biex minbarra li jagħmel tajjeb għad-dwal ġodda fil-parti ċentrali ta' Triq Għajn Żejtuna u Triq Ta' Taħt l-Irdum, jiżdiedu magħhom il-parti t'isfel ta' Triq Għajn Żejtuna, kif ukoll isiru dwal ornamentali fi Triq il-Parroċċa. Għaldaqstant għandha titnaqqas is-somma ta' €75,000 mill-vot dwar il-Kostruzzjoni tal-*Culverts* biex jiġi €25,000. Is-Segretarju qal li jeħtieġ isiru *culverts* fi Triq Għajn Żejtuna, kantuniera ma' Triq il-Pont u ieħor kantuniera ma' Triq il-Qasab. Is-Sur C. Debono qal li bit-tnaqqis propost mis-Sindku, it-titjib tal-*culvert* fi Triq il-Qortin ser ikollu jitħalla għal aktar 'il quddiem.

10.8. Is-Segretarju spjega li s-somma ta' €104,000 hija ntiża sabiex jitħallas il-pagament dovut fuq ir-*resurfacing* ta' Triq l-Armier (€35,817), kif ukoll għal xogħol ieħor simili fi Triq il-Kaħli, Triq it-Tumbrell, Triq it-Tunnaġġ, u Triq il-Klamari li huwa pprogrammat li jitwettaq kmieni fl-2015. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna wkoll għall-pressjoni li qed issir sabiex tiġi *resurfaced* Triq Ramlet il-Qortin, li ġiet stmata €261,747. Għaldaqstant ippropona li Triq Ramlet il-Qortin titwettaq fl-2015, filwaqt li l-ispiża titqassam fuq sentejn. Huwa bassar li ma jkunx hemm proġetti oħra simili fil-lokalita` wara li titwettaq Triq Ramlet il-Qortin. Għalhekk ġie propost li l-vot 7518 dwar it-Tisbiħ tat-Turġien, minn €135,000 jinżel għal €60,000 biex jagħmel tajjeb biss għall-proġett ta' Triq il-Mitħna l-Qadima u Triq Sant' Anna.

10.9. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li parti mill-vot 7518, jiġi wtlizzat għat-tisbiħ tat-taraġ li hemm fi Triq il-Madonna tal-Għar, bejn Triq il-Kappillan Magri u Misraħ il-Parroċċa, kif ukoll it-taraġ ta' Triq Adenau, flimkien mal-proġett ta' Triq il-Mitħna l-Qadima u Triq Sant' Anna.

10.10. Fid-dawl tal-proposti li saru, il-Kunsill qabel li l-ispiża kapitali tiġi mibdula kif jidher hawn taħt:

| **7200** | **Titjib** | **230,046.00** |
|---|---|---|
| 7210 | Titjib fl-Uffiċċju | 28,046.00 |
| 7220 | Dwal ġodda tat-toroq | 197,000.00 |
| 7230 | Għamara tat-triq | 5,000.00 |

| **7300** | **Tagħmir** | **6,500.00** |
|---|---|---|
| 7310 | Tagħmir għall-uffiċċju | 1,500.00 |
| 7311 | Tagħmir relatat mal-kompjuter | 5,000.00 |

| **7500** | **Proġetti Speċjali** | **672,250.00** |
|---|---|---|
| 7502 | Kisi ta' toroq bit-tarmak | 279,000.00 |
| 7504 | Dwal madwar il-Knisja tal-Manikata | 63,750.00 |
| 7512 | Kostruzzjoni ta' culverts għall-ilma tax-xita | 25,000.00 |
| 7517 | Tisbiħ ta' Triq l-Inkurunazzjoni | 100,000.00 |
| 7519 | Titjib fil-playing field ta' Triq l-Erwieh | 11,500.00 |
| 7518 | Tisbiħ tat-turġien pubbliċi | 60,000.00 |
| 7524 | Proġett tat-Torri l-Abjad | 5,000.00 |
| 7525 | Titjib fi Gnien il-Qighan | 53,000.00 |
| 7527 | Proġett tal-wesgħat fi Triq Mons F Xuereb/Nahal/Etna | 50,000.00 |
| 7528 | Restawr tal-Għajn tal-Mellieħa u l-madwar | 25,000.00 |

**11.1. Ipparkjar fi Triq Snajjin u fi Triq Franġisk Zahra (T/3/2/Vol XII)**

11.2. Is-Sindku rrefera għal *U-barrier* li twaħħlet riċenti fi Triq Snajjin, bejn Triq il-Ħasira u Taraġ Snajjin. Għalkemm din qed tipproteġi l-gallarija tal-bini li hemm warajha, ħolqot ostakolu għal min għandu l-garaxx faċċata, peress li ma jkunx jista' idur kif kien jagħmel qabel twaħħlet l-istess barrikata. Is-Sur J. Buttigieġ ippropona li l-barrikata għandha tiġi spusstjata aktar qrib lejn il-kantuniera ma' Triq il-Ħasira. Huwa qal ukoll li waħda miż-żewġ *parking bays* li hemm bejn l-imsemmi garaxx u Triq il-Ħasira għandha tiġi mneħħija, billi vetturi pparkjati f'dik li hemm qrib qed ixxekkel l-istess garaxx.

11.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa fil-minuta 11.2.

11.4. Saret referenza wkoll għal talba mis-Sinjura Carmen Cini dwar it-twaħħil tat-tielet barrikata quddiem ir-residenza tagħha li tinsab fi Triq Franġisk Zahra kantuniera ma' Triq Dun Franġisk Sciberras. Dan peress li huwa rrappurtat li qed timbarax il-faċċata tal-istess dar bil-bibien tal-vetturi li jiġu pparkjati hemmhekk.

11.5. Il-Kunsill ma laqax it-talba skont il-minuta 11.4. peress li bit-twaħħal ta' aktar barrikati jfisser li ma jkunx jista' jsir ipparkjar xejn, għaliex il-bieba ta' vettura li tieqaf quddiem l-istess barrikata ma tkunx tista' tinfetaħ.

**12.1. Bibita` tal-Milied (A/5/3/Vol XII)**

12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, ipproponiet li ssir bibita` tal-Milied għall-impjegati tal-Kunsill u l-ħaddiema assenjati miegħu.

12.3. Il-Kunsill approva l-proposta u qabel ukoll li jiġu mistiedna kollaboraturi oħra, bħal *helpers* u kuntratturi.

**13.1. *Reinstatement* ta' trinka fi Triq Għajn Żejtuna (T/4/2/Vol XXVI)**

13.2. Il-Kunsillier J. Gauci ġibed l-attenzjoni li saret trinka quddiem numri 51/52, Triq Għajn Żejtuna, fejn kuntrattur qata' it-tarmak min-naħa sa oħra tat-triq f'żewġ postijiet f'distanza ta' madwar erba' metri minn xulxin. Minkejja dan, sar *patching* biss ta' faxxa wiesgħa madwar metru.

13.3. Il-Kunsill qabel li dan ir-rapport għandu jinġieb għall-attenzjoni ta' Transport Malta.

**14.1. Xibka madwar il-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol V)**

14.2. Il-Kunsillier J. Gauci ġibed l-attenzjoni li x-xibka madwar il-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja qed tinqata' bi dritt il-pajpijiet u jeħtieġ li tissewwa qabel tinqata' kollha.

14.3. Is-Segretarju wieġeb illi nstabet persuna li tagħmel dan ix-xogħol, li jeħtieġ *scaffolding* sabiex ikun jista' jilħaq fil-għoli.

14.4. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru l-arranġamenti meħtieġa biex tissewwa l-ħsara msemmija.

**15.1. *Malta Olympic Committee Sports Awards* (N/1/Vol II)**

15.2. Il-Kunsillier C. Bartolo għarraf lill-Kunsill li fis-7 ta' Diċembru 2014 is-Sindku J. Buttigieg attenda ċ-ċerimonja msemmija. Kompla jgħid li l-Kunsill tal-Mellieħa ngħata wieħed mill-premjijiet għall-inizjattivi li ttieħdu b'rabta mat-*tournaments* tas-*Snooker*, l-*American Pool*, flimkien mal-appoġġ li ngħata biex ġew organizzati Sparaturi fuq il-Plattini, it-10 *Kilometre Race* fit-toroq tal-Mellieħa, il-*basketball* u n-*netball*. In-nomina tal-Kunsill għal dan il-premju kienet imsejsa wkoll fuq il-korsijiet tal-*aerobics*, *line dancing* u zumba, l-inklużjoni tad-*drifting* fl-Iljieli Melleħin, appoġġ mogħti lill-Valletta *Grand Prix Foundation* biex ġiet organizzata t-Thomas Smith Mellieħa *Hillclimb*, *Penalty Shootout* mal-Mellieħa *Football Nursery*, fil-*Queen's Baton Relay* qabel il-*Commonwealth Games*.

15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 16.1. Pantomima tal-Milied (S/6/Vol IV)

16.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li l-Kunsill ikun involut fl-organizzazzjoni tal-Pantomima Annwali tal-Milied li ssir mill-Mellieħa Youths.

16.3. Il-Kunsill approva din il-proposta sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbisx €300.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.30pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tlieta 30 ta' Diċembru 2014 fis-6.00pm.





John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**